

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 66/2007

tal-15 ta' Ġunju 2007

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni foqasma speċifiċi 'l barra mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Protokoll 31 tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 90/2004 tat-8 ta' Ġunju 2004 <sup>(1)</sup>.
- (2) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tkun estiża sabiex tkun inkluża d-Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013) <sup>(2)</sup>.
- (3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk ikun emendat sabiex jippermetti li din il-kooperazzjoni estiża sseħħ b'effett mill-1 ta' Jannar 2007,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 6 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

- (1) Il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-paragrafu 3:

“3a. L-Istati ta' l-EFTA għandhom, b'effett mill-1 ta' Jannar 2007, jieħdu sehem fil-programm li ġej:

— **32006 D 1926**: Deċiżjoni Nru 1926/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur (2007-2013) (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 39).”

- (2) It-test tal-paragrafu 4 għandu jkun sostitwit mit-test li ġej:

“L-Istati ta' l-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 3 u 3a skond l-Artikolu 82(1)(a) tal-Ftehim.”

- (3) It-test tal-paragrafu 5 għandu jkun sostitwit mit-test li ġej:

“L-Istati ta' l-EFTA għandhom, mill-bidu tal-kooperazzjoni fl-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 3 u 3a, jipparteċipaw bis-siħ fil-kumitati tal-KE u korpi oħra li jassistu lill-Kummissjoni tal-KE fit-tmexxija jew l-iżvilupp ta' dawk l-attivitajiet.”

<sup>(1)</sup> ĠU L 349, 25.11.2004, p. 52.

<sup>(2)</sup> ĠU L 404, 30.12.2006, p. 39.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (\*).

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 15 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

---

(\*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.